MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 366/2008/1

**Rikors Numru: 366/2008**

**MANIA COLOMBO ID 349180(M)**

**JOSEPH COLOMBO ID 687144(M)**

**MARGARET COLOMBO ID 492245(M)**

**Vs**

**JOSEPH ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tad-09 ta' Lulju 2012 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti*
*Rat ir-rikors promotur tar-rikorrenti illi huma talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas is-somma ta' erba t'elef, mija u tnejn u ghoxrin Euro u disgha u disghin centezmu (€4,122.99) bhala rifuzjoni ta' servizi*

*moghtija lilu u spejjez inkorsi waqt l-gherusija tieghu mar-rikorrenti Mania Colombo u tnehhi xi mobbli propjeta tieghu li ghadhom jokkupaw il-garage propjeta tal-konjugi Colombo.*

*Rat ir-risposta ta' l-intimat illi eccepixxa, preliminarjament, li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe il-preskrizzjoni ta' sentejn billi kull talba konnessa ma' ksur ta' gherusija hija talba ghad-danni kif jinghad fl-istess kapitolu. L-intimat eccepixxa ulterjorment illi t-talba attrici hija preskritta wkoll ai termini ta'l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili. Fl-ahhar nett, u minghajr pregudizzju ghaz-zewgt eccezzjonijiet, l-intimat eccepixxa li l-gherusija ta' bejn il-kontendenti ma tkisritx minhabba htija da' parte ta' l-eccipjenti.*

*Rat ix-xhieda prodotta quddiemha, ossija l-affidavits ta' Mania Colombo u ta' Margaret Colombo, da parte tar-rikorrenti, u x-xhieda viva voce ta' Joseph Zammit.*

*Illi jirrizulta li l-partijiet ossija Mania Colombo u Joseph Zammit kienu ilhom gharajjes ghal hames snin u hassru r-relazzjoni taghhom fit-22 ta' Awissu 2005 wara illi r-rikorrenti Mania Colombo sabet messagg kompremettenti fuq il-mobile tal-intimat u, wara tilwima bejniethom, l-intimat qalilha illi ried ihassar ghax ma kienx ihobbha aktar, ghalkemm kien gia ippjanat illi jizzewgu fl-24 ta' Gunju 2006.*

*Illi, mill-provi prodotti mir-rikkorrenti, jirrizulta illi t-talba attrici tikkonsisti f'talba ghal rifuzjoni ta' nofs l-ispejjez tat-tieg illi jekwivali ghall-elf mitejn u hdax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,211.27) u ammont ta' servizzi varji resi lill-intimat bhal hasil ta' hwejjeg u ikel u kirja ta' garage tar-rikorrenti fejn l-intimat kien izomm l-affarjiet, liema servizzi varji ammontaw ghall-elfejn erba' mija u hamsa u erbghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2,445.84). Hemm ukoll inkluz fit-talba nofs l-ispejjez tad-dawl u ilma illi saru fid-dar illi kellhom bi shab bejniethom l-gharajjes, li s-sehem tieghu kien jammont ghall-erba' mija u hamsa u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€465.88). Ghalhekk, it-total rikjest kien ta' erba' t'elef mija u tnejn u ghoxrin ewro u disgha u disghin centezmu (€4,122.99).*

*Illi, jirrizulta wkoll mill-provi prodotti mill-partijiet, li l-gherusija spiccat fit-22 ta' Awissu 2005. L-azzjoni odjerna, imbghad tnediet fit-3 ta' Novembru 2008, u ma jidhirx illi giet ipprezentata xi ittra ufficjali entro it-terminu ta' sentejn sabiex tigi interrotta l-preskrizzjoni.*
*Ikkunsidrat*

*Illi, a tenur ta' l-artikolu 3 tal-Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta, ksur ta' weghda ta' zwieg tista twassal ghall-azzjoni ta' danni.*

*Illi, a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, azzjoni ta' danni trid issir entro perjodu ta' sentejn.*

*Illi, a tenur tal-artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, l-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, trid issir fi zmien sentejn minn meta jinkixef l-izball.*

*Illi, fil-kaz odjern, l-gherusija intemmet fit-22 ta' Awissu 2005 filwaqt illi l-azzjoni imnieda giet intavolata fit-3 ta' Novembru 2008, jigifieri aktar minn 38 xahar wara illi sehh il-ksur ta'l-gherusija.*

*Illi ghalhekk huwa car illi l-azzjoni odjerna, kemm ghal dak li jirrigwarda danni rizultanti mit-telf ta'l-gherusija kif ukoll ghar-rifuzjoni ta' servizzi maghmulha lill- intimat hija milquta bil-limitazzjoni ta' zmien imposta bil-Ligi, jigifieri ta' sentejn, u ghalhekk ma hijiex proponibbli.*

*Konkluzjoni*

*Il-Qorti, wara illi qieset il-provi kollha prodotti u wara illi rat l-eccezzjonijet imressqa mill-intimat, tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta'l-intimat u tiddikjara l-azzjoni preskritta u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra taghhom."*

Bl-appell minnhom introdott fil-konfront tas-sentenza appellata li iddikjarat l-azzjoni attrici preskritta a tenur ta'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2153 u 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellanti qeghdin jilmentaw illi l-Ewwel Qorti malament applikat dawn id-disposizzjonijiet preskrittivi ghall-azzjoni, billi fil-fehma taghhom l-azzjoni ma kenitx wahda ghal hlas ta' danni in sewgitu ghal resiliment tal-gherusija kif kontemplat fil-Kapitolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta, izda wahda ghal hlas ta' servigi rezi in konsiderazzjoni ta'l-istess abbinata ma' talba ghal rifuzjoni ta' spejjez inkorsi mill-appellanti u hlas ghall-okkupazzjoni mill-appellat ta' garaxx proprjeta ta'l-appellanti.

Illi ai fini ta' ezami tat-terminu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni attrici jenhtieg illi jigu ezaminati l-fatti rizultanti mill-atti processwali.

*"Jidher li hu dejjem doveruz fuq il-Qorti li din tistharreg jekk il preskrizzjoni eccepita hijiex ammissibbli jew konfigurabbli ghall-fatti li fuqhom hi bazata t-talba attrici, u tistabilixxi, allura, jekk it-terminu preskrittiv invokat mill-konvenut kienx jew le applikabbli ghalihom.* **Selvagi Christopher Et Vs Borg Peter (App Inf 09/01/2008)**

Illi l-atturi qeghdin ifittxu lill-konvenut ghal hlas ta'l-ammont ta' €4122.99 u dan bhala rifuzjoni ta' servizzi moghtija u spejjez inkorsi waqt l-gherusija bejn l-appellat u l-appellanti Mania Colombo. Inoltre l-appellat gie mitlub jersaq sabiex jizgombra xi oggetti tieghu personali minn garaxx proprjeta tal-konjugi Colombo. Illi mill-atti istruttorji gie stabbilit illi l-appellat u Mania Colombo kienu ghamlu zmien (madwar hames snin) f'relazzjoni ta' gherusija, liema gherusija thassret allegatament b'tortijiet imputabbli lill-appellat. Jidher illi l-partijiet kienu diga qed jikkontemplaw iz-zwieg billi kien hemm data stabbilita ghat-tieg u hafna mill-preparamenti ghall-istess kienu tlestew, fosthom l-akkwist tad-dar konjugali. Bil-prezenti azzjoni ghalhekk l-atturi qed ifitxxu lill-appellat ghal hlas ta' nofs l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mat-tieg ammontanti ghal€1211.27, spejjez ta'l-*electrician*, x'aktarx in konnessjoni mad-dar matrimonjali ammontati ghal €931.75, hlas ghal servigi resi in konnessjoni ma' hasil ta' hwejjeg u ikel kif ukoll ghal kirja ta' garaxx minn fejn l-appellat kien jaghmel ix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa ammontati ghal €2445.84. Huwa fatt inkontestat illi l-gherusija thassret ghall-ahhar ta' Awwissu tas-sena 2005 u l-azzjoni attrici giet istitwieta fit-03 ta' Novembru 2008, bl-ittra ufficjali ai termini ta'l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 intavolata fil-5 ta' Ottubru 2007 li ghaliha wiegeb l-appellat fit-30 ta' Ottubru 2007.

Illi stabbilit ghalhekk il-parametri ta'l-azzjoni attrici, ġie ritenut mill-Qrati tagħna "*l-ezami tal-preskrizzjoni kellha tigi nkwadrata fil-qafas tal-azzjoni ntentata minnha." (Korporazzjoni Ghas-Servizzi Ta`l-Ilma Vs Oil And Construction International Limit AC 28/04/2004 (924/2001/1)).* Bl-istess mod, fis-sentenza Cuschieri Lorry Sive Lawrence Vs Onor Ministru Ta' L-Ambjent Et tal- 25/02/2005 (Appell Nru 886/1995/1) il-Qorti irreteniet:

*"Kif gie ritenut fis-sentenza* ***Frank German v. Domenico Azzopardi*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950 "(L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu` o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju (Kollezz Vol. XXXIVB-III-7465, ara wkoll fl-istess sens,* ***Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar*** *deciza fit-22 ta' Ottubru 1953;* ***George Muscat v. Carmelo Zammit*** *deciza fis-26 ta' April 1961 Vol. XLV-II-652;* ***Gaetano Farrugia v. Philip Magri*** *deciza fil-11 ta' Frar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri))."*

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi oltre ghall-azzjoni derivanti minn reziliment ingust ta'l-gherusija bbazata fuq il-Proklama VI tat-28 ta' Awwissu 1834, hemm anke azzjoni ghad-danni konsegwenzjali ghall-istess. Din hija effettivament l-azzjoni esperieta mill-atturi fil-kawza odjerna u hija ibbazata fuq l-principji generali tal-obbligazzjonijiet kif stabbilit fl-artikolu 1125 tal-Kapitolu 16, u dan ghaliex mill-atti istruttorji ma irrizultax li kien sar xi ftehim bil-miktub bejniethom u kwindi il-ligi dwar Weghdiet ta' Zwieg (Kap. 5) ma japplikax – artikolu 1233(1)(g) tal-Kodici Civili. In-nuqqas ta' kitba twassal ghall-konkluzzjoni biss li l-parti leza ma tistax titlob id-dannu taht dik il-ligi, pero', dak in-nuqqas ma jtellifx id-dritt ta' l-istess parti leza li titlob dannu taht il-principji generali kif hawn fuq indikat.[1]

[1]. ara "Farrugia vs Chircop" Vol XXIV.1.945

Illi fit-tieni lok, kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti fil-kawza ***Bernarda Caruana vs Giuseppe Borg [1952]*** biex l-azzjoni ghad-danni tirnexxi f' kazijiet bhal dawn jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: [1] l-esistenza ta' gherusija; [2] reziliment ingust da parti tal-konvenuta; u [3] danni materjali konsegwenza ta' dan ir-reziliment.

Illi in propositu, qed jigi osservat li l-gurisprudenza interpretattiva hija fis-sens li "***biex jinghad li hemm gherusija mhux mehtieg li jkun hemm kuntratt formali ta' gherusija jew li jkun gie moghti c-curkett [bhala arrha sponsalia] jew li jkun hemm l-istipulazzjoni taz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-konjizzjoni jew il-kunsens tal-genituri. Dak li hu mehtieg hija l-kapacita' tal-partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija; u din il-kapacita' hija dik stess li wiehed jista' jikkuntratta z-zwieg***".

Fil-kaz in disamina ma gewx prodotti provi illi kien hemm kuntratt formali tal-gherusija, jew li l-partijiet skambjaw crieket tal-gherusija, jew sar xi riceviment ghal dan l-iskop specifiku; izda minn naha l-ohra rrizultaw ippruvati diversi fatti li fil-fehma tal-Qorti necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni li bejn z-zewg partijiet kien hemm stat ta' gherusija, fosthom il-fatt li giet stabbilita id-data tat-tieg, l-akkwist tad-dar konjugali u diversi spejjez ohra inkorsi in kontemplazzjoni taz-zwieg. Illi allura minn dawn il-fatti huma dezunti l-parametri ta'l-azzjoni, li hija wahda ghad-danni konsegwenzjali ghal reziliment ta'l-gherusija u dana taht il-principji generali ta'l-azzjoni ghad-danni u mhux kif premess mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha billi ma jirrizultax illi l-azzjoni tista' titqies li taqa' fil-parametri tal-Kapitolu 5. Illi stabbilit ghalhekk illi l-azzjoni attrici hija necessarjament wahda ghad-danni subiti bhala rizultat tal-inadempjenza da parti tal-appellat meta huwa hassar l-gherusija bejnu u l-appellanti Mania Colombo, l-Ewwel Qorti, madanakollu, gustament applikat il-preskrizzjoni dezunta fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili fejn hu stabbilit illi:

"***L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.***"

Illi premess allura illi t-terminu statutorju tal-preskrizzjoni applikat mill-Ewwel Qorti kien dak idonju ghall-fattispecje ta'l-azzjoni taht il-lenti tal-Qorti, jifdal ghalhekk biex jigi stabbilit jekk l-azzjoni kenitx perenta meta giet istitwita.

Illi l-gherusija thassret lejn l-ahhar ta' Awwissu 2005. L-azzjoni odjerna giet istitwita fit-03 ta' Novembru 2008 u ghalhekk 'il fuq minn tlett snin wara. Madanakollu mill-atti jirrizulta illi fil-05 ta' Ottubru 2007 saret interpellazzjoni gudizzjarja ai termini ta'l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal liema interpellazzjoni wiegeb l-appellat fit-30 ta' Ottubru 2007. Illi l-artikolu 2128 tal-Kapitolu 16 jiddisponi illi:

***Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom***

Dan ifisser ghalhekk illi l-ewwel interuzzjoni tat-terminu statutorju ta' sentejn sehh zgur bejn il-5 ta' Ottubru 2007 u t-30 ta' Ottubru 2007, (billi mill-atti ma jirrizutax meta giet innotifikata l-ittra ufficjali), u allura meta kien diga lahaq iddekorra t-terminu hawn fuq indikat. Dan necessarjament ifisser illi t-terminu preskrittiv ma setax jerga jibda jiddekorri mill-gdid gjaladarba l-azzjoni attrici kienet diga waqghet bid-dekors taz-zmien stabbilit bil-ligi sabiex tigi intentata l-azzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------